MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 352/2006

Il-Pulizija
(Spt. Alfred Mallia)

Vs

Victor Portelli

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1. fid-19 t'Ottubru, 2003, ghall-habta tal-10.30 p.m. fl-Isla, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Alfred Fiteni u Godfrey Schembri, it-tnejn mill-Isla, f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi permezz tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAF-894 tal-ghamla Range Rover saq ghal fuq Alfred Fiteni w Godfrey Schembri w ikkagunalhom griehi ta' natura gravi skond ma ccertifikaw Dr. Moira Camilleri MD u Dr. Kevin Zammit MD mill-isptar

San Luqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. fl-istess data, lok u hin dolozament, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Alfred Fiteni f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi permezz ta' arma irregolari w cioe' kanna tal-hadid, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq Alfred Fiteni skond ma ccertifikat Dr. Moira Camilleri MD mill-isptar San Luqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;
3. fl-istess data, lok u hin, saq vettura Range Rover EAF-894 b'giri aktar milli jmiss, bi traskuragni u b'manjiera perikoluza;
4. fl-Isla, fl-istess data, hin u cirkostanzi kiser il-paci pubblika w l-bon ordni b'ghajjat, dagha, kliem fahxi, storbju, glied jew b'xi mod iehor;
5. kif ukoll talli sar recediv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 17, 49, 50 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 15 tal-Kap. 65, filwaqt li sabet lill-appellant hati tal-akkuzi deddotti kontrih, hlief tal-ewwel li mhiex kontemplata fl-artikoli tal-Avukat Generali, ikkundannatu sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9, qeghdin jigu sospizi ghall-sentejn. Ikkundannatu wkoll multa komplessiva ta' mitt lira Maltin (LM100) pagabbli mhux oltre zmien xahar jew altrimenti konvertibbli f'gimghatejn prigunerija w skwalifikatu mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal zmien tmint ijiem.
Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9, ikkundannat ukoll lill-appellant ihallas ukoll zmien mhux oltre xahar tlett mija w hamsa w tletin lira Maltin (LM335) lir-registratur, import tal-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti konnessi ma' dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi minflok issibu hati ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, tilliberah

minnhom, u fi kwalunkwe kaz tibghat il-proceduri lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant ikollu id-dritt jipproduci l-provi w ix-xhieda tieghu w wara, jekk ikun il-kaz, tiddeciedi fuq il-provi kollha li jistghu jigu prodotti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- 1. li l-proceduri huma nulli w minghajr effett u allura anki s-sentenza hija nulla ghax l-Ewwel Qorti ppronunzjat ruha minghajr ma l-appellant inghata d-dritt li jixhed u jipproduci l-provi tieghu w meta l-appellant ma kien ghamel ebda dikjarazzjoni li huwa kien ghalaq il-provi tieghu w ma kien hemm ebda dikjarazzjoni mill-Ewwel Qorti li l-provi gew konkjuzi. 2. li l-akkuzi ma gewx pruvati sodisfacentement fil-konfront tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. l-fatt li l-appellant ma nghatax cans li jixhed jitfa' dubju favur tieghu. L-appellant, kif qalet sew l-Ewwel Qorti, kien gie provokat u din il-provokazzjoni kienet baqghet ghaddejja w ghalkemm jirrizulta li l-car tal-appellant kellha hsarat konsiderevoli, dawn ma kienux relatati mad-daqqa li jallegaw li qalghu Alfred Fiteni w Godfrey Schembri li ma kellhom ebda feriti. It-triq fejn allegatament ittajjru dejjem ikun hemm vetturi ipparkjati fiha fuq iz-zewg nahat u dan ikompli jnaqqas il-kredibilita' ta' Fiteni w Schembri. Kif seta' l-appellant jolqothom bil-vettura tieghu jekk kienu mexjin fuq il-bankina fejn kien hemm vetturi pparkati ma dik in-naha? Li hemm inkonsistenzi fil-versjonijiet ta' Alfred Fiteni w Godfrey Schembri u Mary Mizzi tikkontradici lil Schembri w ghalhekk dawn ma jistghux jitwemmnu meta jghidu li gew imtajjra. Li l-appellant kien ghamel stqarrija w li din kienet giet konfermata minnu bil-gurament quddiem l-espert tal-Qorti Zammit u fiha cahad li kien tajjar lil Alfred Fiteni. Kien Fiteni li kien qed jistennieh u beda jisfidah ghall-glied.

Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;

Semghet ix-xiehda tal-Ispettur Alfred Mallia;

Interpellat direttament lill-Avukat Difensur jekk riedx jikkonferma bil-gurament li l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Settembru, 2006, fejn jidher car li l-kawza thalliet ghas-sentenza, kien zbaljat;

Rat li l-Avukat Difensur, hekk interpellat, wiegeb li hu ma kienx preparat li jaghmel dan;

Semghet it-tattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-Ewwel aggravju ftit hemm x' wiehed jghid. Mill-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2006, (fol. 219) jirrizulta li dak in-nhar, wara li gie verbalizzat li deher l-appellant bl-avukat Dr. Noel Camilleri, debitament jassistieh u l-ispettur A. Mallia, u wara li xehed bil-gurament PS 1594 Brian Caruana, l-Qorti ordnat li l-kawza tigi differita ghal-1 ta' Novembru, 2006, ghas-sentenza. Illi ma jirrizultax li dak il-hin saret xi dikjarazzjoni li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex provi aktar kif solitament isir u lanqas ma jirrizulta minn dan il-verbal lid-difiza giet mistoqsija jekk kellhiex xi provi li riedet tressaq. Lanqas ma jirrizulta li saret trattazzjoni, haga li normalment isir fl-ahhar tal-kawza. B' dana kollu, stranament, id-difiza ma qajjmet ebda oggezzjoni ghall-fatt li l-kawza kienet qed jithalla ghas-sentenza.

Biex tipprova tifhem ahjar x' gara jew seta' gara', din il-Qorti semghet ix-xiehda tal-Ispettur Mallia li kien l-ufficjal prosekutur fil-kaz. Dan xehed li l-Prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha w d-difiza kienet talbet li jergghu jinstemghu Godfrey Schembri, Alfred Fiteni w is-Surgent 1594 Brian Caruana li kien mar mill-ewwel fuq il-post. Dawn kienu telghu jixhdu fis-seduti ta' wara. U malli xehdu il-Magistrat qal li ser tithalla ghas-sentenza. Il-Magistrat ra li ma kienx hemm aktar xhieda w d-difiza ma qalitx li ghandha xi xhud iehor u ghamilha ghas-sentenza. Mistoqsi minn din il-Qorti jekk allura dak il-hin hadd ma osserva xejn, ix-xhud wiegeb : "*Ahna minn-naha tal-*

*prosekuzzjoni ma ghidna xejn u, jekk niftakar tajjeb , id-difiza ma qalet xejn dak il-hin. Hadd ma qal xejn.“*

Dak li xehed l-Ispettur Mallia hu korroborat u imsahhah mill-verbal tal-udjenzi quddiem l-Ewwel Qorti. Hekk fit-18 t' April, 2005, jirrizulta li wara li kienu xehedu l-espert PS 612 Theo Vella u Anthony Schembri li esebew xi dokumenti, l-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat definittivament li ma kellhiex provi ohra. (Fol. 194). L-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi mismugha w deciza minn dik il-Qorti w l-Qorti ordnat li l-kawza tigi differita ghall-25 ta' Mejju, 2005 "*ghall-provi difiza*." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-25 ta'Mejju, 2005 ma sar xejn ghax il-Magistrat kien indispost u l-kawza giet differita ghat-3 t' Ottubru, 2005 meta ukoll rega' ma sar xejn ghax dak in-nhar kien hemm il-ftuh tas-sena forensi w l-kawza regghet giet differita ghas-27 t' Ottubru, 2005. Dak in-nhar id-difiza, li suppost kellha tibda bil-provi taghha, tablet differiment li ma kienx oppost u l-kawza thalliet ghat-12 ta' Jannar, 2006. Dak in-nhar il-kawza reghet giet differita *"ghall-provi difiza",* ghat-13 ta' Marzu, 2006, prezumibillment peress li la deher l-ispettur u lanqas id-difensur . Fit-13 ta' Marzu, 2006, xehed Godfrey Schembri w Alfred Fiteni ma deherx u nhareg mandat t' arrest kontra tieghu. Il-kawza regghet giet differita ghat-8 ta' Mejju, 2006, *"ghall-provi difiza*". Fit-8 ta'Mejju, 2006, deher Alfred Fiteni w irrinunzja ghall-azzjoni kriminali ghal dak li kien rinunzjabbli. L-istess ghamel George Schembri. Il-kawza reghet giet differita ghat-28 ta' Settembru, 2006 ghall-provi difiza. Dak in-nhar xehed PS1594 Brian Caruana, u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi minn dawn il-verbali jidher car li d-difiza altru li nghatat kull cans li ggib il-provi taghha, wara li l-Prosekluzzjoni kienet iddikjarat definittivament li ma kellhiex provi ohra. Saru mhux inqas minn sitt differimenti ghall-provi tad-difiza w f' ebda wiehed minnhom l-appellant li suppost – jekk kien ser jixhed – kellu jkun l-ewwel xhud, ma offra x-xiehda tieghu.

Illi l-Avukat difensur mitlub jekk riedx jikkonferma bil-gurament tieghu li l-verbal fejn il-kawza thalliet ghas-sentrenza kien zbaljat, wiegeb li ma kienx lest li jaghmel dan. Fil-kors tat-trattazzjoni, meta gie pressat minn din il-Qorti ghaliex allura ma oggezzjonax ghall-verbal jew addirittura ghaliex ma pprezentax xi rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza fl-intervall bejn it-28 ta’ Serttembru w l-1 ta’Novembru, 2006, wiegeb: *“Qabzitli.”*

Ghal ragunijiet ovvji ghalhekk dan l-aggravju - apparti li hu bazat fuq premessi zbaljati w xejn precizi, zgur li ma jistax jigi milqugh. Il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tghid aktar!

Ikkonsidrat ;

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-mertu, dan jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwl Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens *“inter alia*” l-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94]; **“l-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi**“ [14.2.1989**]; “Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi l-provi kontra l-appellant huma prova diretta gejja minn diversi xhieda bhal ma huma l-istess vittmi Alfred Fiteni u George Schembri kif ukoll – ghar-rigward ta' l-ewwel incident - William Dingli. Hemm umbaghad ix-xiehda w r-relazzjoni ta' l-espert Dr. Mario Scerri li ddeskriva fid-dettall il-feriti riportati minn Fiteni w Schembri w kklassifika uhud minnhom bhala ta' natura gravi *per durata*. Mill-banda l-ohra hemm l-istqarrija tal-appellant li hu kkonferma bil-gurament quddiem l-espert tal-Qorti Joseph Zammit. Hemm ukoll ix-xiehda ta' Mary Mizzi li tidher alkwantu simpatetika ghall-kaz tal-appellant, li pero'fis-sustanza ma rat xejn dwar l-ewwel incident u ma rat xejn dwar it-tieni incident ghax dan kien lahaq sar meta harget hi.

Minn dawn ix-xiehda johrog car li kien hemm zewg incidenti dak in-nhar tad-19 t'Ottubru, 2003, fejn ix-Xatt ta' l-Isla. L-ewwel incident kien jikkonsisti f' diverbju bejn Fiteni wahdu w l-appellant li beda fix-Xatt ta'l-Isla minnhabba l-kelb tal-appellant u spicca biex dawn it-tnejn gew fl-idejn u Fiteni dak il-hin qala' daqqa ta' harta go wiccu kif jammetti l-istess appellant fl-istqarrija tieghu, ghalkemm Fiteni jghid li qala' daqqa tac-cinga tal-kelb f' wiccu dak il-hin. Jidher li kien hemm xi kliem hazin, insulti w dagha dak il-hin imma l-incident twaqqaf u z-zewg kontestanti nfirdu w marru minn fuq il-post f' direzzjonijiet opposti.

Ftit tal-hin wara, rega' nqala incident iehor go Triq il-Migja tal-Papa'. Dwar dan hemm versjonijiet konfliggenti. Fil-waqt li Fiteni w Schembri jghidu li kienu intlaqtu mill-Range Rover tal-appellant waqt li kienu fuq il-bankina sejrin ghal car ta'Schembri biex dan iwassal lil Fiteni l-Polyclinic minnhabba d-demm li kellu rizultat tal-ewwel incident u, wara li ttajjru l-appellant hareg mill-van b' kanna w beda' jsawwat biha lil Fiteni w ikkagunalu diversi feriti li jihdru fir-relazzjkoni ta' Dr. Scerri, l-appellant jghid li Fiteni kien hareg ghalieh f' nofs it-triq u beda jiccalengjah ghall-glied u jaghti b' hadida fuq ir-Range Rover u hu hareg mill-vettura, hadlu l-hadida minn idejh u sawwat lil Fiteni bl-itess hadida.

L-Ewwel Qorti ghamlet ezami dettaljat tal-provi w ikkonkludiet li l-appellant kien hati talli kkaguna feriti ta' natura gravi kemm fuq Schembri kif ukoll fuq Fiteni, li saq b' manjiera perikoluza w traskurata, li kiser il-paci pubblika w li kien recidiv, u dan wara li l-Avukat Generali fin-Nota tieghu a fol. 144 ma kienx inkluda r-reati ta' tentattiv t' omicidju ta' Schembri w Fiteni w dak ta' tentattiv t' omicidju b' hadida fil-konfront ta' Fiteni biss, dedotti kontra l-appellant fl-akkuza originali.

Illi ma hemmx dubju li l-appellant kien iggieled ma Fiteni fl-Ewwel incident u li, kif jghid hu stess tah daqqa ta' harta ghax messlu l-kelb. Lanqas hemm dubju li l-appellant kien tajjar lil Schembri bil-car tieghu w volontarjament ikkagunalu ksur f' rigleh li gie klassifikat bhala ferita gravi

*per durata*, kif irrelata Dottor Scerri. Schembri bl-ebda mod ma kien involut fl-ewwel incident u fil-konfront tieghu l-appellant zgur li ma jistax jinvoka b' success xi difiza ta' provokazzjoni. Fir-rigward ta' Fiteni ukoll jirrizulta abbondantement li l-appellant sawwtu b' hadida w ikkagunalu diversi feriti li uhud minnhom huma ukoll gravi *per durata*, kif irrelata Dr. Scerri. L-akkuza tar-recidiva wkoll tirrizulta pruvata w l-istess difiza kienet ezentat lill-Prosekuzzjoni milli taghmel il-prova tal-identita' tal-appellant fir-rigward tas-sentenzi esebiti (fol. 140).

L-appellant pero' jimenta li hu ma nghatax il-beneficcju tal-attenwanti tal-provokazzjoni mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. L-Ewwel Qorti dahlet fiha din l-eccezzjoni tal-provokazzjoni w qalet li ghalkemm fl-ewwel fazi (ossia incident), l-appellant jista' jsib il-kenn tal-provokazzjoni, mhux l-istess ghat-tieni fazi. Qalet li fir-rigward tat-tieni fazi, ghalkemm hemm xiehda divergenti ta' min kellu l-kanna, jibqa' fatt li kien l-appellant li saq ghal fuq Schembri w Fiteni bil-vettura tieghu w zgur li Schembri ma kien ghamillu xejn. Qalet ukoll li anki jekk kien hemm provokazzjoni da parti ta' Fiteni dak il-hin, l-agir tal-appellant kien wiehed *"spropositat u f'kull kaz sproporzjonat ghal kull agir, konsistenti f' dannu fil-vettura tieghu li seta' f' dak l-istanti ghamel Fiteni".* (Sic!)

Illi din hi kwistjoni ta' apprezament tal-fatti u l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taghmlu. Fejn forsi din il-Qorti ma tikkondividix dak li qalet l-Ewwel Qorti hu fejn qalet li "*id-danni subiti mill-imputat fil-vettura tieghu kif verifikati mill-espert tekniku u tajjeb deskritti fir-relazzjoni tieghu huma irrilevanti fil-kuntest tal-akkuzi."* Kieku kellu jirrizulta li ghal xejn b' xejn Fiteni verament qabad jaghti fuq il-vettura tal-appellant bil-hadida, kienet tkun ipotizzabli sew il-linja difensjonali tal-provokazzjoni fir-rigward tal-feriti gravi riportati minn Fiteni fit-tieni incident.

Hawnhekk, l-Ewwel Qorti kellha quddiemha versjoni tal-appellant kontenuta fl-istqarrija tieghu minnu sussegwentement guramentata, li Fiteni kien beda jiccalengjah ghal glied u li dan kellu kanna f' idu w biha ta' zewg daqqiet fil-bieba tar-Range Rover u daqqa fuq il-

bonnet tal-vettura w li meta l-appellant hareg ghalih Fiteni beda jxejjer bil-kanna. Kien hawn li l-appellant hadlu l-kanna minn idejh u beda jsawwtu biha kif jammetti hu stess.

Il-versjoni tal-appellant li Fiteni kien ta’ b’ kanna fuq ir-Range Rover issib korroborazzjoni mid-deskrizzjoni tal-hsarat li kkonstata fuq ir-Range Rover l-espert Joseph Zammit fir-relazzjoni tieghu (fols. 90 et seq.) li jghid li d-daqqiet li nstabu fuq il-Range Rover kienu komparabbli ma daqqa ta’ xi oggett iebes bhal ma hija l-kanna elevata mill-Pulizija minn fuq il-post.

Pero’, fil-fehma ta’ din il-Qorti, jekk dawn id-daqqiet Fiteni tahom fuq il-car wara li l-appellant kien diga’ tajjar lilu w lil Schembri bir-Range Rover tieghu, kif x’ aktarx li kien il-kaz, (ghax altrimenti non si spjega l-ferita li garrab Schembri intortament u li lanqas l-appellant ma ghandu spjegazzjoni ghaliha) allura tisfuma fix-xejn id-difiza tal-provokazzjoni ghax il-hati ma jistax jibbenefika mid-difiza tal-provokazzjoni jekk ikun hu stess li fittex il-provokazzjoni bl-agir tieghu precedenti, f’ dal-kaz bl-investiment ta’ Schembri w ta’ Fiteni. F’ dan is-sens w ghal din ir-raguni allura l-Ewwel Qorti kellha ma taccettax id-difiza tal-provokazzjoni w cioe’ ghax bl-agir tieghu kien l-istess appellant li pprovoka t-tieni incident.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi , kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal biex tikkonkludi li l-appellant kien hati tal-akkuzi kollha kif ridotti mill-Avukat Generali w li ma setax jinvoka b’ success id-difiza tal-provokazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma’ ghandix ghalfejn tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak ta’l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha. It-termini moghtija mill-Ewwel Qorti ghall-hlas tal-multa w l-ispejjez tal-kawza kif ukoll it-terminu tal-iskwalifika tal-licenzji tieghu kollha tas-sewqan jibdew jiddekorru mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------